



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13349/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0340(COD)

ENV 802
ENT 177
COMPET 752
IND 307
SAN 638
CONSOM 235
MI 787
CHIMIE 110
CODEC 1396

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 656 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 656 final.

Mehmuż: COM(2021) 656 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2021
COM(2021) 656 final

2021/0340 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 379 final} - {SWD(2021) 299 final} - {SWD(2021) 300 final} -
{SWD(2021) 301 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ dwar il-pollutanti organiċi persistenti (“ir-Regolament dwar il-POPs”) jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (“il-Konvenzjoni ta’ Stokkolma”), approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE², u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (“il-Protokoll dwar il-POPs”), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE³.

L-għan primarju tal-proposta huwa li jiġu implimentati, għas-sustanzi fil-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, **l-obbligi internazzjonali tal-UE skont il-Konvenzjoni ta’ Stokkolma** u, b’mod aktar speċifiku, dawk derivati mir-Regolament dwar il-POPs. Għalhekk, l-objettiv ewlieni tal-proposta huwa li **tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent** mill-effetti avversi kkawżati mis-sustanzi POP u li telimina jew timminimizza l-emissjonijiet tal-POPs mill-iskart. B’kont meħud ta’ dan, l-objettivi ġenerali ta’ din l-inizjattiva huma wkoll li jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, **bilanċ ottimali mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew** biex jinkisbu **ċikli ta’ materja ħielsa mit-tossiċità**, jiżdiedu **r-riċiklaġġ u ċ-ċirkolarità** u **jitnaqqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra**.

Il-problemi kkawżati mis-sustanzi POP huma relatati mal-**proprietajiet fiżiċi u kimiċi intrinsiċi** tagħhom, ma’ kif u fejn intużaw, u mal-effetti avversi li għandu r-rilaxx progressiv tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-ekosistemi u fuq is-servizzi li dawn jipprovdu. B’xi mod jew ieħor, is-sustanzi POP kollha huma rikonoxxuti li għandhom effetti avversi, ġeneralment fit-tul fuq l-organiżmi haġġin. Dawn jippersistu għal żmien twil ħafna fl-ambjent u f’ġisimna u jistgħu jiġu ttrasportati mingħajr tibdil għal kważi kwalunkwe punt remot tad-dinja, ’il bogħod minn fejn ġew prodotti jew użati.

B’mod aktar konkret, l-għan ta’ din l-inizjattiva huwa li **taġġorna, għal ċerti sustanzi u gruppi ta’ sustanzi, il-limiti ta’ konċentrazzjoni stabbiliti fl-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs**, li jiddeterminaw kif jiġi ttrattat l-iskart li fih il-POPs, b’mod partikolari jekk jistax jiġi riċiklat jew jekk jenħtieġ li jinqered jew jiġi ttrasformat b’mod irriversibbli. Dan l-aġġornament iġib l-Annessi IV u V tar-Regolament f’konformità mal-Konvenzjoni ta’ Stokkolma u mal-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs billi jallinja mas-sustanzi elenkati fih u jintroduċi valuri limitu ta’ konċentrazzjoni għalihom. Jadatta wkoll, għall-progress xjentifiku u tekniku, il-valuri limitu għal xi sustanzi li diġà huma elenkati.

Il-ġestjoni tal-iskart tal-POPs, inkluż ir-riċiklaġġ tiegħu fejn dan ikun possibbli, jenħtieġ li ssir **b’mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent**, b’impatt minimu fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. Il-materji sekondarji li jirriżultaw jenħtieġ li **dejjem ikunu jistgħu jintużaw b’mod sikur** u jenħtieġ li jkunu adattati għall-iskop tagħhom u, sa fejn ikun fattibbli, **ħielsa minn**

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni) (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta’ Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta’ Frar 2004 li għandha x’taqsam mal-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35).

sustanzi tossiċi. Jenħtieġ li timminimizza wkoll kemm is-sustanzi tossiċi jiġu rilaxxati fl-ambjent, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' tniġġis zero billi tnaqqas l-impatt ambjentali u fuq is-saħħa tagħhom. Sabiex jinkiseb dan, iridu jkunu disponibbli **teknoloġiji** xierqa u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ta' **separazzjoni u ta' dekontaminazzjoni.**

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-regoli attwali tal-Unjoni dwar il-ġestjoni ta' pollutanti organiċi persistenti huma stabbiliti fir-Regolament dwar il-POPs. Barra minn hekk, l-obbligi tal-Unjoni relatati mal-esportazzjoni ta' pollutanti organiċi persistenti huma implimentati mir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

Il-proposta temenda l-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs, timplimenta l-impenji tal-Unjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u tal-Protokoll dwar il-POPs, u hija konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-movimenti transkonfinali u r-rimi ta' skart perikoluż u skart ieħor. Il-proposta timplimenta, għas-sustanzi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, l-obbligu tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel li jiżguraw **l-ġestjoni ambjentalment sana** tal-iskart perikoluż u skart ieħor. Il-valuri stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-POPs jimplimentaw fil-livell tal-Unjoni l-kunċett ta' "valuri b'kontenut baxx ta' POPs" li huma elenkati bħala valuri mhux vinkolanti skont il-"Linji gwida tekniċi ġenerali dwar il-ġestjoni ambjentalment sana tal-iskart li jikkonsisti minn, li fih jew li huwa kkontaminat b'pollutanti organiċi persistenti" ta' Basel.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-oġettiv fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà⁵ li jiġu mminimizzati u sostitwiti, kemm jista' jkun, sustanzi kimiċi li għandhom effett kroniku fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent (tip wieħed ta' sustanzi ta' tħassib) u t-tneħħija gradwali ta' dawk l-aktar dannużi f'applikazzjonijiet li ma humiex essenzjali għas-soċjetà, b'mod partikolari dawk fil-prodotti għall-konsumatur.

Bl-istess mod, il-proposta hija konsistenti mal-oġettiv, ippreżentat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew⁶, tal-kisba tan-**newtralità klimatika** fl-Ewropa sal-2050 u ma' dak tal-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari⁷ biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal prodotti newtrali għall-klima u ċirkolari fl-UE u lil hinn minnha. Il-proposta hija wkoll konformi mal-Komunikazzjoni dwar **Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero**⁸, li fih l-UE ddefiniet viżjoni ta' tniġġis zero għall-2050, fejn it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusin ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

⁵ COM(2020) 667 final

⁶ COM(2019) 640 final

⁷ COM(2020) 98 final

⁸ COM(2021) 400 final

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-ambjent, minħabba li l-miżuri miftiehma skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma fil-biċċa l-kbira jsegwu objettiv ambjentali, jiġifieri l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' pollutanti organiċi persistenti.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-POPs jispeċifika li l-Kummissjoni trid iżżomm l-Annessi IV u V taħt **rieżami kostanti** u, **meta jkun xieraq**, għandha tagħmel proposti leġiżlattivi biex temenda dawn l-Annessi, sabiex jiġu adattati għall-**bidliet fil-lista ta' sustanzi** stabbilita fl-Annessi tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll jew biex **timmodifika l-entrati** jew id-dispożizzjonijiet **eżistenti** fl-Annessi ta' dan ir-Regolament sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku.

• Sussidjarjetà

Is-sustanzi POP fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta jiġu ttrasportati bejn il-konfini interni tal-UE 'l bogħod mis-sorsi tagħhom, u l-evitar ta' rilaxxi mill-POPs li fihom l-iskart huwa prijorità f'dan ir-rigward.

Il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem permezz ta' sistema li tiggarantixxi l-ġestjoni sana tal-iskart tal-POPs tista' tkun effiċjenti biss jekk jiġu definiti u stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-UE. Għalhekk, l-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom, minħabba li huwa meħtieġ approċċ armonizzat biex jiġi żgurat li l-Unjoni, bħala Parti għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma, tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha.

• Proporzjonalità

Ir-Regolament dwar il-POPs jeħtieġ kunsiderazzjoni tal-proporzjonalità, kif indikat fil-premessa 34 tar-Regolament. Il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ifittex li jistabbilixxi azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE f'limiti speċifikati.

Il-miżuri fil-proposta huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha u jqisu d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 5 tal-Protokoll numru 2 għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jindikaw li "l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom iqisu l-ħtieġa li kwalunkwe piż, kemm finanzjarju kif ukoll amministrattiv, li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, ikun minimizzat kemm jista' jkun u jkun proporzjonat ma' l-objettiv li jrid jintlaħaq".

Il-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-valuri limitu, deskritta fl-Anness IV tal-valutazzjoni tal-impatt, tappoġġa l-iżvilupp ta' valuri limitu li huma fattibbli u li jistgħu jiġu implimentati għall-flussi ta' skart rilevanti kollha. Titwettaq valutazzjoni dwar il-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-valuri limitu proposti għall-operaturi ewlenin li huma affettwati; kull valutazzjoni hija speċifika għall-każ u ssir abbażi tal-informazzjoni disponibbli. Jitqiesu aspetti bħan-numru, id-daqs u n-natura tal-partijiet ikkonċernati li huma affettwati u l-kapaċità stmata tagħhom li jassorbu kostijiet u investimenti addizzjonali, kif ukoll il-kapaċità ta' trattament disponibbli tal-operaturi tal-iskart.

Analiżi tal-impatt tal-għażliet ta' politika hija miġbura fil-qosor fit-taqsim 8.2 tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-POPs, il-Kummissjoni trid, fejn xieraq, tagħmel proposti leġiżlattivi biex temenda l-Annessi IV u V tar-Regolament, biex tadattahom għall-bidliet fil-lista ta' sustanzi stabbiliti fl-Annessi tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll, jew li jiġu mmodifikati l-entrati jew id-dispożizzjonijiet eżistenti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, biex jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku. Għalhekk, kif stipulat fl-Artikolu 15(2), din l-inizjattiva tiegħu l-forma ta' Regolament li jemenda r-Regolament dwar il-POPs.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba n-natura limitata u teknika ta' din il-proposta, u meta titqies ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs fl-2019, ma tqieset meħtieġa l-ebda evalwazzjoni *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta kienet soġġetta għal konsultazzjoni bir-reqqa mal-partijiet ikkonċernati biex jiġi żgurat li l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati jkunu rrappreżentati u kkunsidrati kif xieraq. Minħabba n-natura teknika tal-proposta u l-livell profond ta' dettall tagħha, l-eżerċizzju kien primarjament indirizzat lill-partijiet ikkonċernati professjonali, akkademiċi u industrijali/settorjali, kif ukoll lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bħall-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u t-trade unions.

Il-Pjan Direzzjonali għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu ġie ppubblikat fid-29 ta' Mejju 2020 u l-perjodu ta' konsultazzjoni ġie konkluż fis-7 ta' Awwissu 2020; wasal feedback minn 51 risponent. L-analiżi ta' dawn it-tweġibiet żvelat xi diskrepanzi distinti bejn il-partijiet ikkonċernati dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-POPs fl-ekonomija ċirkolari.

Skont ħafna tweġibiet, b'mod partikolari mill-NGOs, ir-riċiklaġġ tal-iskart li fih il-POPs huwa inkompatibbli ma' ekonomija ċirkolari sikura. Dan l-argument jagħti prijorità lit-tneħħija tal-POPs minn ġewwa l-katina tal-provvista fuq il-benefiċċji potenzjali assoċjati mar-riċiklaġġ ta' tali prodotti. Ir-reazzjonijiet tal-industrija jipprovdu opinjoni aktar sottili u jinnotaw li l-politiki tal-UE li jagħmlu ħilithom għal "ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi" u wkoll għal aktar riċiklaġġ spiss jindikaw direzzjonijiet kontradittorji, li jirriżulta f'li l-operaturi tal-iskart isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ir-regoli ma jkunux prevedibbli u mhux dejjem prattikabbli. Żewġ assoċjazzjonijiet indikaw li jenħtieġ li jiġi pprovdut aktar appoġġ pubbliku biex jitrawmu investimenti ġodda fl-għażla u fid-dekontaminazzjoni tal-iskart, peress li dan jippermetti aktar riċiklaġġ u riċiklaġġ aħjar.

Barra minn hekk, saret **konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati** fil-kuntest tal-istudju ta' appoġġ, li tinkludi l-aspetti kollha rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt, inklużi l-elementi soċjoekonomiċi, permezz ta' kwestjonarju elettroniku u intervisti mal-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw setturi u organizzazzjonijiet ewlenin. Il-valutazzjoni tal-impatt

li tappoġġa din il-proposta tikkapitalizza wkoll fuq l-informazzjoni dwar il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, u tas-soċjetà b'mod ġenerali, fir-rigward tas-sustanzi ta' tħassib fil-materjali riċiklati, li nġabru fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart⁹. Din il-konsultazzjoni, li saret fl-2018, indirizzat aspetti usa' u anqas tekniċi rilevanti għal din il-miżura, u għalhekk din l-informazzjoni kienet diġà disponibbli u ntużat biex tappoġġa l-miżura. Fit-28 ta' Frar 2019 ġie ppubblikat rapport fil-qosor¹⁰ ta' dik il-konsultazzjoni.

Rendikont dettaljat tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u tar-riżultati tagħhom huwa inkluż fl-Anness 2 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt.

• **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Biex tappoġġa l-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tat kuntratt ta' appoġġ lil konsultanti esterni: *"Studju biex jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatti assoċjati mar-rieżami tal-valuri limitu fl-iskart għall-POPs elenkati fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021"* (RPA/INERIS, 2021). Il-valutazzjoni kienet ibbażata wkoll fuq studju mwettaq b'appoġġ għal emenda preċedenti tal-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs, b'mod partikolari għall-flussi tal-massa ta' sustanzi u skart, li sar fil-kuntest tar-riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 850/2004: *"Studju biex jappoġġa r-rieżami ta' kwistjonijiet relatati mal-iskart fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) 850/2004"* (Ramboll Environment & Health GmbH, Jannar 2019).

Minbarra dawn iż-żewġ studji, ġiet ikkunsidrata wkoll informazzjoni dwar sustanzi rilevanti li jinsabu fi studji aktar antiki li saru b'appoġġ għal emendi preċedenti tar-Regolament dwar il-POPs:

- *Studju dwar kwistjonijiet relatati mal-iskart tal-POPs elenkati reċentement u l-POPs kandidati* (Konsorzju ESWI, April 2011)
- *Studju biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-iskart tar-Regolament dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs)* (BiPRO, Awwissu 2005)

L-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-impatt b'appoġġ għall-proposta kien meġġun ukoll minn Grupp ta' Tmexxija ta' Bejn is-Servizzi għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Dan il-grupp ġie stabbilit mid-DĠ Ambjent u Itaqa' erba' darbiet minn Lulju 2020 sa Ġunju 2021.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt. Wara li indirizza l-kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju maħruġa fl-ewwel opinjoni tiegħu tal-5 ta' Marzu 2021, il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni pożittiva b'riżervi fid-29 ta' Ġunju 2021. Fl-opinjoni finali tiegħu, il-Bord talab aktar dettalji dwar il-metodoloġija użata biex jiġu proposti l-valuri limitu differenti għall-POPs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

L-għażliet ta' politika kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt jirreferu għal firxa ta' valuri limitu għall-valuri tal-Anness IV li għandhom jiġu proposti għas-sustanzi differenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Il-valuri tal-Anness IV (magħrufa wkoll bħala "limiti baxxi ta'

⁹ COM(2018) 32

¹⁰ <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/summary-report-public-consultation-chemical-product-waste-legislation.pdf>

konċentrazzjoni tal-POPs”) huma ddefiniti fl-Artikolu 7(4)(a) tar-Regolament dwar il-POPs. Dawn jiddefinixxu l-valur għas-sustanzi POP fl-iskart li f’dawn il-valuri jew ogħla minnhom għandhom jinqerdu jew jiġu ttrasformati b’mod irriversibbli. Fil-prattika, dan ifisser li l-iskart taħt dan il-valur li fih il-POPs jista’ jiġi ttrattat b’mezzi oħrajn, inkluż li jiġi rriċiklat.

Għal kull waħda mis-sustanzi fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-proposta, **L-Għażla ta’ Politika 1** tiddekrivi l-linja bażi attwali u tirrappreżenta l-ogħla valur ikkunsidrat (jew in-nuqqas ta’ limitu għal sustanzi li għadhom ma humiex elenkati). Taħt il-linja bażi, ma tiġi introdotta l-ebda bidla fl-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs. Dan ifisser li sustanzi elenkati reċentement skont il-Konvenzjoni ma jiġux inklużi fl-Annessi rilevanti¹¹. L-istess japplika wkoll għal sustanzi li għalihom diġà ġew stabbiliti limiti skont ir-Regolament dwar il-POPs, u li għalihom il-progress xjentifiku u tekniku jagħti parir li l-valuri jiġu rieżaminati.

L-Għażla ta’ Politika 2 tirrappreżenta valuri f’nofs il-medda taħt kunsiderazzjoni. F’din l-għażla, qed jiġi propost li jiġu stabbiliti valuri limitu ġodda skont l-Anness IV għal sustanzi ġodda u qed jiġi propost li l-valuri limitu jsiru aktar stretti għal ċerti POPs elenkati fejn dan jista’ jiġi ġġustifikat. L-ewwel każ jgħodd għas-sustanza ġdida elenkata PFOA, għall-imlieh tagħha u għall-komposti relatati mal-PFOA. L-ebda valur intermedju tal-Għażla 2 ma ġie kkunsidrat għad-dikofol u għall-pentaklorofenol. Għas-sustanzi li jifdal fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-proposta – il-PBDEs, l-HBCDD, is-SCCPs u d-diossini u l-furani (inkluż id-dl-PCBs) – fil-valutazzjoni tal-impatt tqies valur limitu ta’ medda medja.

Skont **L-Għażla ta’ Politika 3**, huma proposti valuri limitu aktar stretti fl-Anness IV għal tmien sustanzi¹². Għall-PBDEs, l-Għażla 3 hija analizzata bħala żewġ subgħażliet, waħda li tirriżulta fl-implimentazzjoni tal-valur limitu aktar baxx immedjatament u l-oħra li tipprevedi implimentazzjoni mdewma ta’ ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-miżura (bl-Għażla 2 li tiġi implimentata fl-*interim*).

L-Għażla ta’ Politika 4, b’valur addizzjonali aktar baxx ġiet ikkunsidrata għad-diossini u għall-furani (PCDD/Fs). Ir-raġuni għal din l-għażla addizzjonali hija li tiġi vvalutata l-possibbiltà li jiġi stabbilit valur aktar baxx tal-Anness IV għal dawn is-sustanzi, kif ukoll is-subgħażla addizzjonali li jiġi stabbilit valur speċifiku aktar baxx li għandu jintuża biss bħala limitu għall-iskart mhux trattat applikat direttament fuq l-art. (eż. f’applikazzjonijiet agrikoli).

It-tabella li ġejja tippreżenta firxa ta’ valuri (għażliet ta’ politika) għall-Anness IV għal kull sustanza/grupp ta’ sustanzi kkunsidrat:

Tabelli 1 u 2: Għażliet politiċi kkunsidrati għal-limiti tal-Anness IV

<u>Tabella 1</u>	Għażla 1 (linja bażi¹³)	Għażla 2	Għażla 3
PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA (mg/kg)	-	50 għall-PFOA u l-imlieh tiegħu; 2 000 għall-komposti relatati	0,025 għall-PFOA u l-imlieh tiegħu; 1 għall-komposti relatati [#]

¹¹ Kif spjegat fit-taqsimha 3.1 tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt, din hija Għażla ta’ Politika purament ipotetika ta’ “żamma tal-istatus quo”, peress li tali elenkar huwa obbligatorju u n-nuqqas ta’ elenkar ta’ dawn is-sustanzi fl-Anness IV ma jippermettix lill-UE tissodisfa l-obbligu tagħha li tiżgura ġestjoni ambjentalment sana tal-iskart tal-POPs.

¹² Innota li, għall-PCBs simili għad-diossini, il-valutazzjoni tiffoka fuq l-integrazzjoni tagħhom fil-valur limitu għad-diossini u għall-furani.

¹³ Il-valuri tal-linja bażi attwali fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-POPs.

Dikofol (mg/kg)	-	-	50
Pentaklorofenol (PCP), l-imlieh u l-esteri tiegħu (mg/kg)	-	-	100
Somma ta' 5 PBDEs (mg/kg)	1 000	500	200
SCCPs (mg/kg)	10 000	1 500	420
HBCDD (mg/kg)	1 000	500	100

Nota: L-ebda valur tal-linja bażi ma huwa disponibbli għall-PFOA, għad-dikofol u għall-PCP, minħabba li dawn huma sustanzi elenkati reċentement.

Tabella 2

	Għażla 1 (linja bażi)	Għażla 2	Għażla 3	Għażla 4
Diossini u furani* (mg/kg)	0,015	0,010	0,005 ⁺ (0,001)	0,001 ⁺⁺ (0,00005)

*: L-adeqwatezza tal-inklużjoni tal-PCBs simili għad-diossini fil-valur tal-grupp għad-diossini u l-furani hija vvalutata wkoll.

+ / ++: Għad-diossini u l-furani, l-Għażliet 3 u 4 jiddefinixxu valur applikabbli b'mod ġenerali għall-operazzjonijiet kollha tal-ġestjoni tal-iskart. Kull waħda minnhom tinkludi subgħażla possibbli li tinkludi valur limitu speċifiku addizzjonali fil-parentesi li japplika biss għall-applikazzjoni tal-iskart fuq l-art.

Wara l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, soċjali u ekonomiku tad-diversi għażliet ta' politika kkunsidrati għall-valuri tal-Anness IV għas-sustanzi POP rilevanti, l-għażliet preferuti huma mmarkati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 3: Għażla ppreferuta għal-limiti tal-Anness IV (skurata)

Sustanza	Għażla 1 Linja bażi	Għażla 2	Għażla 3	Għażla 4
PBDEs	1 000 mg/kg	500 mg/kg	L-implimentazzjoni inizjali ta' 500 mg/kg , segwita minn tnaqqis għal 200 mg/kg ¹⁴ ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-limitu inizjali	Mhux applikabbli (mhux applikabbli)
HBCDD	1 000 mg/kg	500 mg/kg	100 mg/kg	Mhux applikabbli
PCDD/Fs (diossini u furani) ¹⁵	0,015 mg TEQ/kg	0,010 mg TEQ/kg	0,005 mg TEQ/kg	0,001 mg TEQ/kg

¹⁴ Jew il-valur għas-somma tal-PBDEs elenkati fl-Anness I, għal taħlitiet jew oġġetti, jekk dan ikun ogħla f'dak iż-żmien.

¹⁵ Is-subgħażliet 3 u 4, li jinkludu valur speċifiku addizzjonali aktar baxx għall-iskart applikat fuq l-art, ġew ikkunsidrati u ma nżammewx minħabba l-impatt u l-kunsiderazzjonijiet sproporzjonati tagħhom rigward l-adeqwatezza tal-istrument (leġislazzjoni dedikata oħra tidher aktar xierqa). Ara t-taqsima 5.2 tar-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt.

Sustanza	Għażla 1 Linja bażi	Għażla 2	Għażla 3	Għażla 4
PCBs simili għad-diossini ¹⁶	L-ebda kunsiderazzjoni speċifika tad-dl-PCBs (inklużi fil-limitu totali eżistenti tal-PCB ta' 50 mg/kg)	Definizzjoni ta' limitu awtonomu speċifiku għad-dl-PCBs	L-inklużjoni tal-dl-PCBs fil-limitu għall-PCDD/Fs (taħt l-Għażla 3 tal-PCDD/Fs – 0,005 mg TEQ/kg)	Mhux applikabbli
Paraffini klorurati ta' katina qasira (SCCPs)	10 000 mg/kg	1 500 mg/kg	420 mg/kg	Mhux applikabbli
PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati	Ma jeżisti l-ebda limitu	50 mg/kg (PFOA u imlieh) 2 000 mg/kg (komposti relatati mal-PFOA)	1 mg/kg għall-PFOA u l-imlieh u 40 mg/kg għall-komposti relatati mal-PFOA [Nota: Il-valur ta' hawn fuq huwa propost minflok l-Għażla 3 li ġiet ikkunsidrata inizjalment: 0,025 mg/kg (PFOA u mlieh) 1 mg/kg (komposti relatati mal-PFOA)]	Mhux applikabbli
Pentaklorofenol (PCP), l-imlieh u l-esteri tiegħu	Ma jeżisti l-ebda limitu	Mhux applikabbli	100 mg/kg	Mhux applikabbli
Dikofol	Ma jeżisti l-ebda limitu	Mhux applikabbli	50 mg/kg	Mhux applikabbli

Minbarra l-valuri tal-Anness IV ta' hawn fuq, il-valutazzjoni tal-impatt tqis ukoll, għas-sustanzi li għalihom huwa propost elenkar ġdid, Għażla ta' Politika waħda li tirrappreżenta valur li jrid jiġi inkluż fl-Anness V tar-Regolament. Għall-konsistenza, is-sustanza decaBDE hija proposta wkoll li tiġi inkluża fil-valur limitu għall-PBDEs (elenkati). Il-valuri tal-Anness V huma msemija fl-Artikolu 7(4)(b) tar-Regolament dwar il-POPs u huma magħrufa wkoll bħala “limiti massimi ta' konċentrazzjoni tal-POPs”.

Tabella 4: Il-valuri limitu proposti tal-Anness V

Sustanza	Valur
PBDEs (inkluż decaBDE)	10 000 mg/kg
PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati	50 mg/kg għall-PFOA u l-imlieh 2 000 mg/kg għal sustanzi relatati mal-PFOA
Pentaklorofenol (PCP)	1 000 mg/kg
Dikofol	5 000 mg/kg

L-għażliet ta' politika preferuti proposti huma appoġġati mill-metodoloġija deskritta fit-taqsimha 5.2 u fl-Anness IV tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Dawn iqisu l-oġettivi

¹⁶ L-Għażliet 2 u 3 ma jirrappreżentawx valuri numeriċi iżda approċċi differenti għall-istabbiliment ta' limitu għad-dl-PCBs.

ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent (bħala oġettivi ġenerali), iż-żieda fir-riċiklaġġ u l-adozzjoni ta' materja prima sekondarja u l-kontribut għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (b'appoġġ għall-oġettivi klimatiċi tal-UE).

Il-valuri proposti għall-Anness V huma infurmati bir-riżultati tal-applikazzjoni tal-metodoloġija u fl-aħħar mill-aħħar huma bbażati fuq il-valuri eżistenti miftiehma tal-Anness V għal sustanzi simili.

Minbarra s-sustanzi elenkati hawn fuq, il-valutazzjoni tal-impatt indirizzat sustanza addizzjonali, l-aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS). Il-Kumitat ta' Rieżami tal-POPs li jopera skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma adotta deċiżjoni li tirrakkomanda li l-Konferenza tal-Partijiet (COP) tikkunsidra l-elenkar tal-PFHxS, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS fl-Anness A tal-Konvenzjoni mingħajr eżenzjonijiet speċifiċi. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, id-deċiżjoni għal din l-inklużjoni, oriġinarjament skedata għal Lulju 2021, ġiet ittardjata u issa għandha sseħħ fis-segment wiċċ imb wiċċ tal-COP10 tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma ppjanata għas-6-17 ta' Ġunju 2022. Minħabba li l-PFHxS għadha ma hijiex elenkata taħt il-Konvenzjoni, l-elenkar tagħha skont ir-Regolament dwar il-POPs bħalissa ma huwiex propost. Jekk tali elenkar skont il-Konvenzjoni jseħħ matul il-proċess ta' kodeċiżjoni, l-inklużjoni tiegħu fir-Regolament tista' tiġi proposta abbażi tal-analiżi mwettqa fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma ġiet identifikata l-ebda miżura ta' simplifikazzjoni, peress li r-Regolament dwar il-POPs dan l-aħħar għadda minn eżerċizzju ta' riformulazzjoni. L-inizjattiva hija limitata għall-iffissar ta' valuri għal sustanzi speċifiċi fl-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs; għalhekk, il-proposta ssegwi kamp ta' applikazzjoni u format legali definiti b'mod strett.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-ġestjoni mhux sana ta' sustanzi perikolużi, b'mod partikolari tal-POPs, tikkontribwixxi għat-tniġġis ambjentali ġenerali li jista' jkollu effetti serji fuq id-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u d-dritt għal ambjent san.

Ir-Regolament dwar il-POPs jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u tal-Protokoll fl-Unjoni. B'kont meħud tal-Prinċipji 14 u 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, ir-Regolament jipprova miżuri biex jiġu mminimizzati – u bil-ħsieb li jiġu eliminati, fejn ikun fattibbli, malajr kemm jista' jkun – ir-rilaxxi tal-POPs. Dan jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-iskart li jikkonsisti minn, li fih jew li huwa kkontaminat bi kwalunkwe waħda minn dawk is-sustanzi.

Il-proposta temenda l-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs, li jippermettu lill-Unjoni taderixxi mal-impenji tagħha, għas-sustanzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, magħmula mill-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma u l-Protokoll.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura proposta ma tippredix konsegwenzi baġitarji għall-Kummissjoni Ewropea. Konsegwentement, **ma tiġix ipprovduta dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva.**

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-impatt u tal-effettività tar-Regolament dwar il-POPs, inkluż id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-iskart, huwa obbligu eżistenti skont ir-Regolament; konsegwentement, l-ebda miżura jew mekkaniżmu addizzjonali ma huwa previst f'din il-proposta. Ir-rapporti ta' sinteżi mħejjija mill-Kummissjoni, ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs, huma ppubblikati regolarment¹⁷.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Peress li l-istrument legali propost huwa Regolament, li huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri, ma huwiex meħtieġ dokument ta' spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-**Artikolu 1** jipprevedi l-emenda tal-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021.

L-**Artikolu 2** fih dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ tal-miżura.

L-**Anness** fih dispożizzjonijiet speċifiċi li jemendaw l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021.

¹⁷

https://ec.europa.eu/environment/chemicals/international_conventions/index_en.htm

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura ordinarja leġislattiva,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ dwar il-pollutanti organiċi persistenti jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE⁴, u fil-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, approvat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE⁵.
- (2) Fis-seba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret bejn l-4 u l-15 ta' Mejju 2015, kien hemm qbil li l-pentaklorofenol, l-imlieh u l-esteri tiegħu ("pentaklorofenol") jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni. Fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, ġie miftiehem li d-dikofol kif ukoll l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni. Fid-dawl ta' daww l-emendi għall-Konvenzjoni u biex jiġi żgurat li l-

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni) (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 259/2004/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.03.2004, p. 35).

iskart li jkun fih dawk is-sustanzi jiġi ġestit f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, huwa meħtieġ li jiġu emendati wkoll l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 billi jiġu inklużi l-pentaklorofenol, id-dikofol u l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fl-Annessi u li jindikaw il-limiti ta' konċentrazzjoni korrispondenti tagħhom.

- (3) Il-pentaklorofenol kien preċedentement elenkat fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/636⁷, b'valur tal-Anness IV ta' 100 mg/kg u b'valur tal-Anness V ta' 1 000 mg/kg. Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tħassar bir-Regolament (UE) 2019/1021, iżda l-pentaklorofenol tħalla barra b'mod mhux intenzjonat minn dak ir-Regolament. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu emendati l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 biex jinkludu l-pentaklorofenol.
- (4) L-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 diġà fihom limiti ta' konċentrazzjoni għas-sustanzi jew għall-gruppi ta' sustanzi li ġejjin: a) is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil (bl-eċċezzjoni tal-aħħar, li ma huwiex elenkat fl-Anness V ta' dak ir-Regolament); b) Eżabromoċiklododekan; c) Alkani C10-C13, kloro (paraffini klorurati ta' katina qasira) (SCCPs); u d) Dibenzo-p-diossini u dibenzofurani poliklorurati (PCDD/PCDF). Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1021, huwa xieraq li jiġu emendati l-limiti ta' konċentrazzjoni fl-Anness IV għal dawk is-sustanzi biex jadattaw il-valuri limitu tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku. Għal raġunijiet ta' konsistenza mal-lista tal-eteri tad-difenil polibromurati (PBDEs) elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1021, is-sustanza etere tad-dekabromodifenil jenħtieġ li tiġi inkluża fost il-PBDEs elenkati fit-tielet kolonna tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (5) Meta jitqies li sottogrupp ta' 12-il konġeneru tal-PCB⁸, magħrufa bħala PCBs simili għad-diossini (dl-PCBs), għandhom proprjetajiet tossikoloġiċi li jixbhu mill-qrib dawk tal-PCDD/PCDF, u biex jitqies l-effett aggregat tal-komposti kollha simili għad-diossini elenkati fir-Regolament (UE) 2019/1021, huwa xieraq li d-dl-PCBs jiġu inklużi fl-entrata eżistenti tal-grupp għall-PCDD/PCDF fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-lista tal-valuri tal-fattur ta' ekwivalenza tossika fil-Parti 2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi emendata wkoll biex jiġu introdotti l-valuri korrispondenti għall-konġeneri individwali tad-dl-PCB.
- (6) Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 ġew stabbiliti bl-applikazzjoni tal-istess metodoloġija li ntużat biex jiġu stabbiliti l-limiti ta' konċentrazzjoni fl-emendi preċedenti tal-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti jenħtieġ li jilhqqu l-oġettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent assoċjat mal-qerda jew mat-trasformazzjoni irriversibbli tas-sustanzi kkonċernati.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/636 tat-23 ta' April 2019 li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 109, 24.4.2019, p. 6).

⁸ PCB-77, PCB-81, PCB-105, PCB-114, PCB-118, PCB-123, PCB-126, PCB-156, PCB-157, PCB-167, PCB-169 u PCB 189.

Dawk il-limiti jenħtieġ li jqisu wkoll l-objettiv ta' politika usa' li tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima u ċirkolari, minqux fil-Patt Ekoloġiku Ewropew⁹.

- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Huwa xieraq li jiġi previst perjodu suffiċjenti ta' żmien li jippermetti lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet kompetenti jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbokom daħħlu d-data ta' sitt xhur wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁹ COM(2019) 640 final